**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 254/2015**

**GC Renting Malta Limited (C 57282)**

**vs**

**Joanne Gatt (K.I. 570084M) u Mosta Football Club**

**Illum, 24 ta' Mejju 2017,**

Il-Qorti;

Rat r-rikors permezz ta' liema s-socjetà rikorrenti talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati:

(i) Fl-ewwel lok thallsu, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, is-somma kumplessiva ta' erbat elef disa' mija u sitta u tmenin ewro u tmienja u disghin centezmu (€4,986.98) rapprezentanti l-ammont ta' hames mija u tnejn u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€562.58) arretrati ta' kera kummercjali tal-oggetti mobbli

indikati fl-'*Appendix–Equipment Schedule*' li jifforma parti mill-kuntratt li l-intimata Joanne Gatt dahlet fih mar-rikorrenti intitolat '*Classic Rent'* datat 31 ta' Lulju 2013 u li jgib in-numru 146-00018, kopja ta' liema qieghed jigi anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala 'Dok. A', liema kuntratt ta' natura kummercjali kien suggett ghat-termini u kundizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt ('Dok. A') u l-ammont ta' erbat elef erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€4,424.40) rapprezentanti l-ammont dovut ghat-terminazzjoni prematura tal-kuntratt ai termini ta' klawsola 16 tal-'*General Terms and Conditions of Rent'*, liema ammonti huma dovuti minnkom solidalment hekk kif jirrizulta minn dikjarazzjoni ta' Mosta Football Club datata 31 ta' Lulju 2013 u li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. B' (ii) Fit-tieni lok tirritornaw lura l-oggetti mobbli indikati fl-'*Appendix - Equipment Schedule'* li ma gewx irritornati minkejja li gejtu interpellati diversi drabi sabiex taghmel dan, (iii) fit-tielet lok thallsu ghal kwalsiasi ammonti ulterjuri fil-limiti tal-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti li jigu likwidati skont il-provvedimenti tal-kuntratt ('Dok. A') relatati man-nuqqas taghkom illi tirritornaw lir-rikorrenti l-oggetti mobbli soggetti ghal kirja li giet terminata, u dan *inter alia* skont ma tipprovdi klawsola 18 tal-Kuntratt.

Minkejja illi intom gejtu interpellati diversi drabi sabiex thallsu l-ammonti msemmija u tirritornaw l-oggetti mobbli lir-rikorrenti, inkluz permezz ta' l-ittra ufficjali 1730/2015,li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. C', intom bqajtu inadempjenti u ghalhekk kellha tigi adottata din il-procedura kontra taghkom

> Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali 1730/2015 ('Dok.C'), inkluz dawk tal-imsemmija ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u b'riserva ghal imghaxijiet legali u spejjez ulterjuri sad-data tal pagament effettiv. Kollox kontra taghkom, li minn issa tinsabu ngunti in subizzjoni.

Rat illi l-intimata Joanne Gatt minkejja li debitament notifikata kif jirrizulta mir-riferta fuq in-naha ta' wara a folio 13 tal-process, ma prezentat l-ebda risposta.

Rat illi s-socjetà intimata kienet debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh skont kif jirrizulta mir-referti fuq in-naha ta' wara ta' folio 24 tal-process u a folio 25 u a folio 29 tal-process.

Rat illi s-socjetà intimata ma prezenta l-ebda risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti u qieset il-provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qed titlob (1) hlas ta' ammont allegatament dovut mill-intimati, (2) ir-ritorn lilha mill-intimati ta' diversi oggetti mobbli, kif ukoll (3) hlas ta' penali.

Illi l-intimati huma kontumaci stante illi ma pprezentaw l-ebda risposta ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti. Però ghal xi whud mis-seduti kienu rapprezentati mill-konsulent legali taghhom.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-partijiet kienu qed jippruvaw jilhqu ftehim izda dan il-ftehim ma sehhx. Illi ghalhekk kien jinkombi lis-socjetà rikorrenti li tipprova t-talbiet taghha.

Illi da parti taghha s-socjetà rikorrenti ma prezentat l-ebda prova ghajr id-dokumenti annessi mar-rikors promotur.

Illi l-imsemmi rikors promotur ma huwiex guramentat;

Illi inoltre, ma deher l-ebda rapprezentant tas-socjetà rikorrenti tul il-proceduri sabiex jikkonferma bil-gurament l-istess talbiet fir-rikors promotur. Lanqas gie konfermat li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Illi, s-socjetà rikorrenti lanqas prezentat kapitoli ghas-subizzjoni tal-intimati.

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjetà rikorrenti ma jirrizultawx pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tichad it-talbiet tas-socjetà rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur